



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Diskors
Id-9 ta' Ottubru 2025

**Diskors minn Tony Murphy, il-President
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

**Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2024 tal-QEA
Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit — il-Parlament Ewropew**

Id-9 ta' Ottubru 2025

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

President,
Onorevoli Membri,
Kummissarju,

Huwa l-pjaċir kbir tiegħi li llum qed nindirizza lil dan il-kumitat biex nippreżenta s-sejbiet ewlenin u l-messaġġi prinċipali mir-Rapport Annwali 2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Għal darb'oħra ninsab akkumpanjat mill-kollega stmat tiegħi, Jan Gregor, li jissorvelja r-rapport annwali tagħna.

Ir-rapport annwali tagħna huwa l-prodott ewlieni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Dan jinkludi 50 % tar-riżorsi tagħna li jeħtieġu dedikazzjoni kbira u sforz qawwi.

Huwa joffri għarfien siewi dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea u d-diversi oqsma ta' politika tiegħu. Flimkien mal-awditi tal-konformità u tal-prestazzjoni li nwettqu, huwa jappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tagħna biex jissawwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea u fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom.

Ir-rapport ta' din is-sena huwa rilevanti ħafna billi bħalissa qed isiru n-negozjati għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034. Dan joffri tagħlimiet importanti, jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi ewlenin, u jenfasizza r-riskji li għandhom jitqiesu meta jissawru l-baġits futuri.

X'inhuma, allura, il-punti ewlenin mir-Rapport Annwali 2024 tagħna?

Aħna nipprovdu opinjoni favorevoli dwar il-kontijiet tal-Unjoni Ewropea għall-2024, filwaqt li nafferma mill-ġdid li dawn ikompli jippreżentaw b'mod preċiż il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.

Id-dħul totali tal-baġit, inkluż it-teħid b'self taħt l-NGEU, ammonta għal EUR 250.6 biljun. Bħal fi snin preċedenti, aħna noħorġu opinjoni favorevoli dwar id-dħul.

Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-opinjoni tagħna ma tkoprix l-ammonti li jirriżultaw minn dazji u taxxi li jkunu ġew irrappurtati b'mod insuffiċjenti jew li jkunu ġew evażi — billi l-opinjoni tagħna tista' tiffoka biss fuq iċ-ċifri rrappurtati.

Induru issa għan-nefqa, fejn il-baġit għal żmien twil tal-Unjoni Ewropea jinkludi fondi kemm mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), dak li nsejnhulu nfiq tradizzjonali tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll min-NextGenerationEU (NGEU). Il-finanzjament taħt in-NextGenerationEU primarjament jinvolti l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jew l-RRF, li ssegwi mudell ta' implimentazzjoni differenti minn dak tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. B'riżultat ta' dan, aħna qed inkomplu noħorġu żewġ opinjonijiet separati dwar ir-regolarità tan-nefqa tal-2024: waħda għall-infiq tradizzjonali tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u oħra għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Nibdew mill-infiq tradizzjonali tal-baġit tal-Unjoni Ewropea:

filwaqt li r-rata ta' żball tagħna għall-infiq tal-baġit tal-Unjoni Ewropea naqset, din għadha materjali, u issa telgħet għal 3.6 % (2023: 5.6 %). Minħabba n-natura mifruxa tal-iżbalji identifikati, żammejna opinjoni avversa għas-sitt sena konsekuttiva.

Il-livell ta' żball stmat mhuwiex kejl ta' frodi, ta' ineffiċjenza jew ta' ħela: huwa stima tal-ammont ta' flus li ma ntużawx skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u dawk nazzjonali.

Ir-rata ta' żball għall-infiq tal-baġit tal-Unjoni Ewropea tiġi ddeterminata billi jittieħed kont u jiġu kkonsolidati l-livelli ta' żball identifikati f'diversi oqsma ta' politika fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Issa, ejjew nidħlu f'aktar dettall dwar l-oqsma ta' politika speċifiċi biex nagħtu eżempji ta' sejbiet tipiċi li jikkontribwixxu għal din ir-rata ta' żball.

Nibdew bil-Koeżjoni, li tirrappreżenta kważi terz tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni Ewropea.

F'dan il-qasam ta' politika, aħna nistmaw li r-rata ta' żball hija ta' 5.7 %, li turi tnaqqis minn 9.3 % fl-2023. Il-kostijiet u l-proġetti ineliġibbli jkomplu jkunu kontributuri ewlenin għal-livell ta' żball stmat, bħalma kien ukoll il-ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Fl-2023, identifikajna diversi fatturi — bħal tfixkil relatat mal-pandemija, perjodi ta' finanzjament li jirkbu fuq xulxin, u rati ta' kofinanzjament sa 100 % permezz ta' strumenti bħal REACT-EU u CRIL, li d-dati ta' skadenza tagħhom kienu fi tmiem is-sena — li x'aktarx żiedu r-riskju ta' nfiq irregolari. Minħabba f'hekk, fl-2024, ir-rata ta' żball fil-qasam tal-koeżjoni reġgħet lura għal livelli li huma aktar konformi mas-snin preċedenti.

Bħala parti mill-approċċ tal-awditjar tagħna fil-qasam ta' "Koeżjoni", eżaminajna bir-reqqa x-xogħol li sar mill-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri. Matul dawn l-aħħar 8 snin, għarna evidenza estensiva, inkluż għadd kbir ta' żbalji li kellhom jinqabdu mill-awtoritajiet iżda li ma nqabdux. Dawn il-problemi jdgħajfu bil-bosta l-affidabbiltà tax-xogħol li jwettqu u jllimitaw kemm il-Kummissjoni tista' sserraħ fuq ir-riżultati tagħhom.

Dak li huwa partikolarment allarmanti huwa li, f'ħafna każijiet, dawn l-istess awtoritajiet jintużaw ukoll biex jissorveljaw il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-livell tal-Istati Membri, u li l-Kummissjoni, kif propost fl-abbozz ta' regolamenti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, biħsiebha sserraħ ħafna fuqhom.

Fil-fehma tagħna dan jirrappreżenta riskju serju li jrid jiġi indirizzat.

Se nduru issa għal qasam ta' nfiq ewlieni ieħor: il-kategorija "Riżorsi Naturali u Ambjent", li tirrappreżenta ftit aktar minn terz tan-nefqa baġitarja, fejn l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira mill-infiq. Hawnhekk, aħna nistmaw li r-rata ta' żball hija materjali u hija ta' 2.6 % (2.2 %, 2023).

L-iżbalji prinċipali li nidentifikaw huma primarjament marbuta ma' żbalji amministrattivi, kostijiet u proġetti ineliġibbli, u nuqqas ta' konformità mal-impenji agrikoli, ambjentali u klimatiċi.

F'dak li jikkonċerna "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali", osservajna rata ta' żball materjali ta' 3.2 % (3.3 % fl-2023). In-nefqa fuq ir-riċerka tibqa' qasam ta' riskju għoli fejn identifikajna għadd kbir ta' żbalji relatati mal-kostijiet għall-persunal.

Għall-2024, u mhux bħas-snin preċedenti, ipprovdejna valutazzjoni speċifika tat-tranżazzjonijiet taħt l-Intestatura 6 "Il-Viċinat u d-Dinja" tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. B'mod ġenerali, dawn il-fondi huma relatati mal-appoġġ għar-reġjuni u l-pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

Nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 4.9 %. Il-kostijiet ineliġibbli u l-ksur tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku jirrappreżentaw aktar minn nofs tal-iżbalji li identifikajna.

Fl-aħħar nett, ejjew nindirizzaw "Amministrazzjoni". Il-valutazzjoni li wettaqna, bħal fi snin preċedenti, tikkonkludi li l-livell ta' żball għadu immaterjali.

Biex niġbru fil-qosor ix-xogħol li għamilna b'rabta mal-konformità għar-Rapport Annwali 2024 — Filwaqt li l-livell ta' żball stmat fl-infiq mill-baġit tal-Unjoni Ewropea naqas, dan għadu ta' tħassib.

Fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), il-valutazzjoni li wettaqna tal-pagamenti li saru taħt l-RRF fl-2024 hija bbażata fuq il-kundizzjonijiet ta' pagament stabbiliti fir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dawn jispeċifikaw li l-istadji importanti u l-miri jridu jintlaħqu b'mod sodisfaċenti u jikkonformaw ma' kundizzjonijiet ewlenin oħra ta' eliġibbiltà.

Il-mudell ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ivarja bil-bosta min-nefqa baġitarja tradizzjonali — il-pagamenti mhumex marbuta ma' kostijiet reali, u l-konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea u dawk nazzjonali mhijiex kundizzjoni biex isir pagament. Minħabba dan il-mudell uniku, huma meħtieġa metodoloġija u approċċ speċifiċi tal-awditjar. Għalhekk, aħna noħroġu opinjoni tal-awditjar separata dwar in-nefqa tiegħu.

Fl-2024, in-nefqa taħt l-RRF ammontat għal EUR 59.9 biljun. L-awditu li wettaqna kopra t-28 pagament ta' għotja kollha li b'kollox jammontaw għal EUR 53.5 biljun u l-iżborż ta' prefinanzjament li jammonta għal EUR 6.4 biljun.

Identifikajna każijiet fejn l-istadji importanti u l-miri marbuta mal-pagamenti ma kinux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, kif ukoll problemi relatati mat-treġġiġi lura ta' stadju importanti, finanzjament doppju, u perjodi ta' eliġibbiltà. Sibna wkoll każijiet ta' stadji importanti u miri ddefiniti b'mod vag, flimkien ma' dgħufijiet fil-valutazzjonijiet *ex ante* li twettqu mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dawn is-sejbiet, aħna noħorġu opinjoni kwalifikata dwar in-nefqa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, għidna l-attenzjoni wkoll għal kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għadha għaddejja, li tikkonċerna żewġ stadji importanti.

Sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni Ewropea kienet żborżat EUR 178.5 biljun f'pagamenti ta' għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jirrappreżentaw biss 50 % tal-fondi totali disponibbli. Billi baqa' inqas minn sena qabel tmiem l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'Awgust 2026, huwa ċar li n-nefqa li għad trid tintefaqq hija kbira.

Dan l-aħħar, ħadna l-opportunità biex nirrieżaminaw u niġbru fil-qosor ix-xogħol estensiv li wettaqna mindu ġie stabbilit dan l-istrument temporanju fl-2021. Dan ir-rieżami jiġbed l-attenzjoni għas-sejbiet ewlenin u t-tagħlimiet meħuda li huma importanti ħafna biex jiġgwidaw l-istrumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni.

Filwaqt li nirrikonoxxu r-rwol importanti li strumenti ta' dan it-tip jista' jkollhom fil-baġit tal-Unjoni Ewropea, nenfasizzaw li, minn issa 'l quddiem, jenħtieġ li dawn jintużaw biss meta l-finanzjament ikun marbut direttament ma' riżultati li jistgħu jitkejlu. Huwa essenzjali li l-finanzjament jiġi segwit sal-kostijiet reali u li t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti ma jdgħajfux l-obbligu ta' rendikont.

Meta jkun involut teħid b'self futur, huwa importanti ħafna li l-Unjoni Ewropea realment ittaffi r-riskji tar-rata tal-imgħax u tistabbilixxi pjan ċar ta' ħlas lura bil-quddiem, li jiddeskrivi fil-qosor is-sorsi tal-ħlas lura.

Ir-Rapport Annwali 2024 tagħna jiġbed l-attenzjoni wkoll għar-riskji marbuta mat-teħid b'self għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri, b'mod partikolari l-piż tad-dejn li dejjem qed jikber mill-obbligi tan-NextGenerationEU. Sal-2027, it-teħid b'self pendent tal-Unjoni Ewropea jista' jaqbeż id-EUR 900 biljun, kważi 10 darbiet il-livell ta' qabel in-NextGenerationEU fl-2020. Barra minn hekk, in-nefqa totali fuq l-imgħax fuq l-NGEU għall-QFP attwali tista' taqbeż id-EUR 30 biljun, aktar mid-doppju tal-previżjoni oriġinali tal-Kummissjoni ta' EUR 14.9-il biljun.

Il-biċċa l-kbira minn dawn il-ħlasijiet lura tat-teħid b'self huma posposti għal Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri, u l-obbligi tad-dejn li qed jiżdiedu joħolqu sfidi serji biex jiġu protetti l-baġits futuri tal-Unjoni Ewropea u biex żgur ikun hemm biżżejjed riżorsi għall-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, il-Kummissjoni qed tipproponi baġit ta' kważi EUR 2 triljun għall-perjodu 2028–2034, li huwa bejn wieħed u ieħor 1.26 %

tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li filwaqt li 1.15 % ta' dan huwa relatat ma' nfiq ġdid, 0.11 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-Unjoni Ewropea huwa allokat għall-ħlas lura tat-teħid b'self taħt in-NextGenerationEU. Il-ħlas lura ta' dan id-dejn jista' jkun daqs EUR 31 biljun fis-sena mill-baġits futuri tal-Unjoni Ewropea.

Illum, il-proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 huma fuq quddiem nett fix-xogħol u fid-diskussjonijiet għal ħafna istituzzjonijiet, inkluża l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-proposti jindikaw mudell simili għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bi pjanijiet nazzjonali u, f'dan il-kuntest, il-problemi u r-riskji li identifika b'rabta mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jistgħu potenzjalment ikunu rilevanti wkoll hawnhekk.

Diġà għaddejjin naħdmu fuq l-opinjonijiet li se nipprovdu dwar il-proposti, li jiġbdu l-attenzjoni għar-riskji u t-tagħlimiet meħuda abbażi tal-esperjenza estensiva li ksibna f'dak li għandu x'jaqsam mal-baġit.

L-għan komuni tagħna għandu jkun li nġinu biex jissawwar baġit li jippermetti li t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont żgur ikunu jaqblu mal-prijoritajiet għal żmien twil tal-Ewropa, u li nkunu nistgħu nagħtu kontribut biex iċ-ċittadini kollha jkollhom futur aħjar.

Fl-aħħar nett, irrid nirrikonoxxi wkoll ix-xogħol bla heda u l-għarfien espert tal-persunal tal-QEA u tal-Kulleġġ tagħha. Id-dedikazzjoni u l-professjonaliżmu tagħhom huma importanti ħafna għat-twettiq tar-rapport annwali ta' kwalità għolja ta' din is-sena u biex il-missjoni tal-istituzzjoni tagħna timxi 'l quddiem.

Nirringrazzjakom il-koll tal-attenzjoni tagħkom, u nistenna b'ħerqa l-mistoqsijiet tagħkom u d-diskussjonijiet li se jkollna.